## FIL-QORTI CIVILI
## (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA

**Seduta ta' nhar il-Hamis 23 ta' Jannar 2025**

**Rikors guramentat nru : 235/2024 AGV**

**JV**

**-Vs-**

**SV**

**IL-QORTI;**

**RAT IR- RIKORS TA' SV DATAT 30 TA' DICEMBRU 2024;**

Tesponi bir-rispett:

1. Illi dan huwa rikors ai termini tal-Artikolu 55(1) tal-Kodici Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex l-esponenti titlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti pendenti l-proċeduri ta' firda personali.

2. Illi l-partijiet qiegħdin għaddejjin minn dawn il-proċeduri ta' firda personali sabiex *inter alia* tiġi dikjarata s-separazzjoni personali bejniethom u sabiex jiġi ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, tiġi likwidata l-istess u tinqasam bejn il-partijiet f' dawk il-kwoti mitluba mill-esponent.

3. Illi l-esponenti t-tnejn jaħdmu u għandhom introjtu separat minn ma' xulxin, tant li ilhom diversi xhur jgħixu ħajja separata wara li Jonathan Vella ta lok għat-tkissir irrimedjabbli taż-żwieġ bil-moħqrija, theddid, sevizzi, inġurji, vjolenza fiżika u morali kif ukoll l-adulterju pperpetwat kontra l-esponenti.

4. Illi ġialadarba l-kontendenti qiegħdin jgħixu ħajja separata l-esponenti m'għandhiex għarfien jew kontroll dwar x' obbligazzjonijiet jista' jkun li qiegħda jassumi Jonathan Vella, u lanqas dwar l-attiv u l-passiv li jista' jkun qiegħed jaqla jew jaljena l-istess JV

5. Illi għalhekk hemm lok li titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti benj il-partijiet, u dan naturalment mingħajr preġudizzju għall-kwalsiasi pretensjoni li jista' jkollhom l-istess kontendenti fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisiti kif eżistenti sal-ġurnata li fiha tista tiġi xolta b' ordni ta' din l-Onorabbli Qorti.

6. Illi l-insenjament ġurisprudenzjali nostrali f' dan ir-rigward huwa assodat fis-segwenti bran:

   "*Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju fl-ambitu u fl-iskop tal-ligi illi meta l-hajja mizzewga tal-partijiet tispicca, konjugi ma jibqax igawdi l-frott tal-hidma tal-konjugi l-iehor. Huwa dan l-iskop, jew wiehed mill-iskopijiet, ghall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri tal-proceduri tal-firma, ghaliex jista' jkun ta' pregudizzju ghal konjugi wiehed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' vigenti u l-konjugi l-iehor jibqa' jgawdi l-frott tal-hidma tal-ewwel konjugi, minkejja li l-hajja matrimonjali bejniethom tkun spiccat*".[1]

7. Illi ma teżisti ebda raġuni valida għalfejn il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet għandha tibqa' in vigore pendenti dawn il-proċeduri, b'dan li anzi huwa fl-interess tal-partijiet kollha li jillimitaw il-litiġju tagħhom għall-komunjoni kif eżistenti s' issa, mingħajr il-possibilita li jinqalgħu u jiġu kreati kwistjonijiet ġodda li jafu jikkumplikaw u jiddelungaw il-proċess ġudizzjarju odjern.

---

[1] *Francis Pisani vs Jacqueline Pisani*,Rikors numru 168/2015 AL, deċiża fil-5 ta' Dicembru, 2018; *Stephanie Attard vs Kenneth Attard,* Rikors numru 188/2015/2AL, deċiża fis-26 t'Ottubru, 2016; u *Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri,* Rikors numru 71/15/1 AL, deċiża fil-15 ta' Marzu, 2018.

Għaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, ai termini tal-Artikolu 55(1) tal-Kodici Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa fil-liġi, l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti fit-termini hawn fuq premessi, u tawtorizza lill-esponent jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'tali ordni ta' waqfien tal-komunjoni.

**Rat ir-risposta ta'   JV   datata 20 ta' Jannar  2025;**

1. Illi fir-rigward  tat -talba ghal waqfien  tal-komunjoni tal-akkwisti, vigenti bejn  il-partijiet , l-esponenti ma ghandux  oggezzjoni ghal tali talba .
2. Illi  fi kwalunkwe kaz, l-esponenti  ma ghandux ibati spejjez relatati ma ' dil-istanza.

Tant ghandu x'jissometti l-esponenti f' dal-istadju ghas-savju  gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Rat illi t-talba ghall-waqfien tal-komunjoni m'hijiex opposta mill-kontro parti.

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Il-Qorti tordna li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza.

**L-ispejjes ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Imhallef**
**Onor. Anthony G Vella**

**Cettina Gauci – DEP REG**